

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti 2021 — EAC/A02/2021**Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**

(2021/C 132/06)

1. Introduzzjoni u objettivi

Din is-sejħa għall-proposti hija soġġetta għal:

- l-adozzjoni mingħajr modifiki sinifikanti mill-awtorità leġislattiva tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2018/1475 u r-Regolament (UE) Nru 375/2014.
- l-opinjoni pożittiva mill-Kumitat stabbilit fl-att bażiku dwar il-programm ta' ħidma annwali għall-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-2021.
- l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-2021, wara riferiment mingħand il-kumitat tal-programm,
- id-disponibbiltà tal-appropriazzjonijiet previsti fl-abozz tal-baġit għall-2021 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2021 mill-awtorità tal-baġit jew jekk il-baġit ma jiġix adottat kif previst fis-sistema tad-dodiċeżmi proviżorji, u
- il-ħatra tal-Aġenzija Nazzjonali mill-Awtorità Nazzjonali u l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni, u l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Kontribuzzjoni.

Għalhekk, din in-notifika ma torbotx legalment lill-Kummissjoni (l-awtorità kontraenti). F'każ li mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma tiġix issodisfata, l-awtorità kontraenti tirriżerva d-dritt li tabbanduna jew tikkancelja din is-sejħa u li tniedi oħrajn b'kontenut differenti u bi skadenzi xierqa għas-sottomissjoni.

2. Azzjonijiet

Din is-sejħa għall-proposti tkopri dawn l-azzjonijiet tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:

- Proġetti ta' Volontarjat
- Timijiet ta' Volontarjat f'Oqsma ta' Prijorità Għolja
- Proġetti ta' Solidarjetà
- Tikketta tal-Kwalità għall-attivitajiet ta' volontarjat ta' solidarjetà
- Tikketta tal-Kwalità għall-volontarjat ta' għajjnuna umanitarja

3. Eliġibbiltà

Kwalunkwe korp pubbliku jew privat jista' japplika għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Barra minn hekk, gruppi ta' zghażaġh irreġistrati fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jistgħu japplikaw għall-finanzjament għall-Proġetti ta' Solidarjetà.

Dawn il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jieħdu sehem sħiħ fl-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:

- is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji *extra* Ewropej,
- il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm:
 - il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE ⁽¹⁾: l-Iżlanda u l-Liechtenstein,
 - il-pajjiżi kandidati tal-UE ⁽²⁾: ir-Repubblika ta' Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

Barra minn hekk, ċerti azzjonijiet huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Jekk jogħġbok għal aktar dettalji dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni, ara l-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2021.

4. Baġit u durata tal-proġetti

Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa għall-proposti huwa stmat għal EUR 138 873 000.

Il-baġit totali allokat għas-sejħa għall-proposti, kif ukoll it-tqassim tiegħu huma indikattivi u soġġetti għall-adozzjoni tal-Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2021 u jistgħu jiġu mmodifikati soġġett għal emenda tal-Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. L-applikanti potenzjali huma mistiedna jikkonsultaw regolarment il-programm ta' ħidma annwali għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-emendi tagħhom, ippubblikati fuq: <https://europa.eu/youth/solidarity/organisations/reference-documents-resources> fir-rigward tal-baġit għal kull azzjoni koperta mis-sejħa.

Il-livell tal-għotjiet kif ukoll id-durata tal-proġetti jvarjaw skont il-fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' sħab involuti.

5. Data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt jistgħu jitressqu sa 12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Proġetti ta' Volontarjat	28 ta' Mejju 2021
	5 ta' Ottubru 2021
Proġetti ta' Solidarjetà	28 ta' Mejju 2021
	5 ta' Ottubru 2021

L-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt jistgħu jitressqu sal-17.00, ħin ta' Brussell.

Timijiet ta' Volontarjat f'oqsma ta' prijorità għolja	5 ta' Ottubru 2021
---	--------------------

L-applikazzjonijiet għat-Tikketta tal-Kwalità jistgħu jiġu ppreżentati fuq bażi kontinwa.

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2021 għal aktar struzzjonijiet dettaljati dwar it-tressiq tal-applikazzjonijiet.

6. Informazzjoni fid-dettall

Il-kundizzjonijiet fid-dettall ta' din is-sejħa għall-proposti, inkluż il-prijoritajiet, jistgħu jinstabu fil-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2021 fuq dan l-indirizz tal-internet: <https://europa.eu/youth/solidarity/organisations/calls-for-proposals>

Il-Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2021 hija parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u għall-finanzjament li jissemmew fiha japplikaw bis-sħiħ għal din is-sejħa.

⁽¹⁾ Soġġett għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-parteċipazzjoni fil-programm

⁽²⁾ Soġġett għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bilaterali